MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 327/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**
**Vs**

**Stephen Bonsfield**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Settembru, 1995, ghall-habta tal-10.30 a.m., fil-Mid-Med Branch tal-Gzira, :
1) kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
2) qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti u dagha;
3) hebb ghal Raymond Brockdorff sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

4) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Raymond Brockdorff f’periklu car, ikkaguna debbolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh skond ma ccertifikat Dr. Morene Caruana Montalto, tad-Dipartiment tas-Sahha, il-Belt, Valletta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Novembru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 218, 303, 338(dd), 342, 339(ee), 17 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannat lill-appellant ghal tmintax-il xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta’ Novembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha fl-ewwel lok thassar is-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u fit-tieni lok, f’kaz li s-sentenza appellata ma tigix ghal xi raguni dikjarata nulla, illi s-sentenza appellata tigi revokata billi b’hekk tiddikjara lill-esponenti mhux hati, w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe’ li minn qari akkurat tas-sentenza appellata, jidher car illi hemm mankanti d-dikjarazzjoni ta’ htija mill-Qorti. Dan iqajjem diffikulta’ procedurali peress illi dikjarazzjoni ta’ piena minghajr dikjarazzjoni ta’ htija tista thalli rizultat ineffettiv u inkonkluziv. Isegwi li meta l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ prigunerija minghajr id-dikjarazzjoni ta’ htija, jemergi stat ta’ fatt illi ma jsegwix wiehed minghajr l-iehor. Hu veru illi wiehed jargumenta illi la giet inflitta piena allura per forza l-Ewwel Qorti sabitu hati, pero’ din hija inferenza li tista’ ma tkun xejn desiderabbli mil-lat ta’ procedura. Hu pacifiku kemm skond il-gurisprudenza nostrana u sew bhala punt ta’ dritt illi sentenza ghandha fil-kamp penali tindika dikjarazzjoni dwar il-htija. Dan igib mieghu in-nullita’ tas-sentenza u b’ hekk issegwi nullita’ tal-procedura intiera. Sentenza hija l-vuci u l-fini tal-process kollu. Hija r-regina ta’ kull

procedura. Nullita’ tas-sentenza ghalhekk iggib maghha nullita’ tal-process intier, b’ hekk li una volta ikun akkolt dan l-aggravju, l-appellant ghandu jitpogga fil-pozizzjoni li kien fiha meta tressaq b’ citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ossia fil-pozizzjoni li kien fiha meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja.

**Semghet it-trattazzjoni dwar dan l-ewwel aggravju li jirrigwarda n-nullita’ tas-sentenza;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat li ghalkemm il-Qorti tat lill-Avukat Generali l-fakolta’ li jipprezenta nota fi zmien gimgha fejn jirregola ruhu, bil-visto tal-kontro-parti li jkollha gimgha zmien ghan-nota responsiva, ebda parti ma pprezentat nota;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din is-sentenza qed tigi limitata ghall-ewwel aggravju ghaliex, jekk jigi milqugh, ma jkunx il-kaz li din il-Qorti tidhol fl-aggravji l-ohra dwar il-mertu w l-piena, li ghad ma saritx trattazzjoni dwarhom.**

**Illi minn qari tas-sentenza appellata ma jirrizultax li f’ xi parti tal-istess sentenza hemm dikjarazzjoni espressa ta’ x’ hiex l-appellant kien qed jinstab hati. Hemm ri-epilogu pjuttost ezawrjenti tax-xhieda li nghatat kemm quddiem l-ewwel Magistrat li kien qed jisma l-kawza kif ukoll quddiem il-Magistrat li ddecidiet il-kawza. Hemm umbaghad xi kummenti fuq l-istatura fizika tal-appellant u t-*training* li jaghmel fil-*body building.* Hemm tlitt pargrafi li jirriepilogaw kif graw il-fatti skond ma rrizulta lill-Ewwel Qorti w dwar il-feriti riportati mill-vittma. Hemm espozizzjoni jew ahjar riproduzzjoni tal-artikolu 216 (1) tal-Kodici Kriminali. Hemm paragrafu li jikkummenta dwar l-attendibilita’ tal-versjoni tal-appellant u ta’ missieru, kif ukoll dwar il-mod arroganti kif igib ruhu l-appellant. Umbaghad hemm paragrafu dedikat ghall-**

**agir vjolenti tal-appellant u kif il-Qorti mhux ser tittollerah u wara li l-Qorti ccitat l-artikoli tal-ligi, kkundannat lill-appellant ghal tmintax il-xahar prigunerija.**

**Illi, aktar minn hekk, meta din il-Qorti – fi sforz biex tara tistax tindovna ta' x' hiex l-appellant instab hati - ikkomparat l-artikoli citati mill-Ewwel Qorti fl-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata ma dawk indikati fin-Nota tal-Avukat Generali tat-12 ta' Lulju, 1999, (fol. 134 tal-process), sabet li hemm diskrepanzi bejn l-artikoli indikati mill-Avukat Generali u dawk citati mill-Qorti. Hekk l-artikoli 338 (bb) u 339 (d) (e) u 383 indikati mill-Avukat Generali ma gewx citati mill-Ewwel Qorti u minnflok l-Ewwel Qorti ccitat l-artikoli 339 (ee) li ma jezistix u l-artikolu 303 li hu manifestament ghal kollox irrilevanti ghall-kaz ghaliex jittratta dwar helsien mill-piena f' xi reati ta' falsifikazzjoni ta' *trade marks*.**

**Ikkonsidrat;**

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Fil-kaz in ezami, l-Ewwel Qorti f' ebda hin ma ddikjarat espressament ta' x' hiex kienet qed issib lill-appellant hati w ghalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' alkwantu incert, partikolarment meta ssir riferenza ghall-artikoli citati mill-Qorti bhala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li taghhom suppost instab hati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Generali w huma jew inezistenti jew manifestament mhux relatati mall-kaz. Meta l-ligi isemmi li l-Qorti *"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati",* dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun ghaddiet in rassenja – anki b' mod ezawrjenti bhal f' dan

il-kaz – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tghid ezattament u espressament ta' liema reati sabitu hati billi tghid fil-qosor f' hix jikkonsisti r-reat li rrizulta pruvat .

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**"** **[25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**"** **[9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**"** **[10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**"** **[24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**"** **[14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] ;** "Il-Pulizija vs. Stefan Abela" **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"** **[3.2.1995] u ohrajn)**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**"** **[6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l-appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio*", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi pero’ dan ma jwassalx ghall annullament tal-procedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tieghu. In-nullita’ hija limitata biss ghas-sentenza u kull parti ohra precedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa’ bla mittiefsa w ghalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terga tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpogga mil-gdid fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellant limitatament u tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-“*doppio esame*”, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga’ jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga’ tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------